**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 29 – L-ERBGĦA, 6 TA' FRAR 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skuzati: | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1.1. Iċ-Ċhairperson qalet li beda x-xogħol tant mistenni fi Triq San Franġisk t'Assisi, xogħol ta' tliet bozoz ġodda. Ix-xogħol jinkludi *cables* minn taħt l-art u li b'kollox ilaħħqu l-ammont ta' €10,015. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq ġie mwiegħed li se jingħata l-ammont ta' €6,000 bħala għajnuna għal dan il-proġett, liema fondi se jingħataw mill-Ministeru tal-Gvern Lokali.

2.1.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-membri tal-Kumitat li daħlet talba għal bozza ġdida fi Triq it-Telgħa tal-Madliena. Is-Sinj. Cuomo qalet li fil-post mixtieq hemm arblu eżistenti u li min għamel it-talba qiegħed jikkommetti li jħallas hu. F'dan id-dawl il-Kumitat ħareġ b'deċiżjoni li kemm-il darba l-ispiża tkun koperta mill-applikant, il-Kumitat m'għandu l-ebda oġġezzjoni.

2.1.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-kumplament tal-Kumitat li kellha diskussjoni ma' *Transport Malta* fejn qalulha li t-trejqa bejn il-Magħtab u Triq Qalet Marku tista' tingħalaq. F'dan ir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill se jitkellem mas-*Central Asphalt* sabiex jagħmel *barriers* tal-konkos kif mitlub. Is-Sinj. Cuomo żiedet

tgħid li għandhom isiru tabelli fuq u isfel tat-trejqa li jgħidu li t-triq hija pedonali.

## 3. DOG EXERCISE PARK

3.1.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-Ministeru tar-Riżorsi jixtieq jiftaħ *Dog Exercise Park*. Hija tħoss li l-Kumitat għandu jressaq talba lil dan il-Ministeru sabiex jikkunsidra xi post f'Baħar iċ-Ċagħaq minħabba li hemm problema kbira ta' ħafna klieb jiġġerrew barra.

## 4. RENDIKONT TA' ATTIVITAJIET SPORTIVI

4.1.1. Is-Sinj. Vella qalet li f'Baħar iċ-Ċagħaq se jkollhom klassi Aerobics li se tibda nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2013; klassi Pilates li se tibda nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2013 u klassi Zumba li se tibda nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar 2013.

4.1.2. Is-Sinj. Vella infurmat lill-kumplament tal-membri li l-klassi Zumba tal-ġurnata tas-Sibt ġiet ikkanċellata l-għaliex ma hemmx rispons tajjeb.

## 5. ALLEGAT DRENAĠĠ ĦIEREĠ MILL-*ISPLASH & FUN*

5.1.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li sar rapport lis-Sanità dwar allegat drenaġġ ħiereġ mill-*Isplash and Fun*. Fil-fatt hija qalet li l-blat tal-madwar qiegħed kontinwament jiswied.

5.1.2. Madankollu s-Sinj. Evelyn Muscat qalet li fil-post m'hemmx riħa u s-Segretarju Eżekuttiv qal li minkejja li l-blat qiegħed jiswied ma jfissirx li bilfors hu drenaġġ iżda jista' ikun li dan jiswied minħabba nixxihat kontinwi ta' ilma.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1.1. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jinstalla tabelli li jgħidu li sidien iż-żwiemel għandhom jiġbru l-ħmieġ minn wara ż-żwiemel tagħhom. Iċ-*Chairperson* qalet li għandhom isiru tabelli tul ir-rotta komuni li jgħaddu minna f'Baħar iċ-Ċagħaq, liema rotta tinkludi: Triq il-Lampara, Triq Anton Manwel Caruana, Triq l-Imsaqqfin, Triq Xatt il-Palm u Triq id-Dwieli. B'kollox ġie deċiż li jinxtraw ħames tabelli.

6.1.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm bżonn xogħol ta' traqqigħ fi Triq it-Tunnara, Triq Santa Klara u Triq San Ġwann l-Evanġelista fost l-oħrajn.

6.1.3. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li finalment il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli jinsab mixgħul kollu. Minn naħa l-oħra qalet li għandha bżonn issir laqgħa fil-post fuq il-manutenzjoni in ġenerali tal-Ġnien. Għal din il-laqgħa għandhom ikunu preżenti s-Sinj. Cuomo, is-Sur Joe Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit Claire Vassallo, l-Inġinier u l-Kap tad-Dipartiment.

6.1.4. Is-Sinj. Muscat qalet li hemm bżonn manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq Xatt il-Palm, liema bankina ġiet miksura mill-kuntrattur li qiegħed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fi plott fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sinj. Muscat sabiex tressaq in-numru tal-permess

tal-MEPA lill-Kunsill għall-investigazzjoni dwar l-allegat ħsara li kkawża l-kuntrattur.

6.1.5. Is-Sinj. Muscat qalet li fi Triq l-Iskall hemm tabella tan-No Entry nieqsa. Din it-tabella kienet tinsab maġenb is-*Sub-station* tal-Enemalta.

6.1.6. Is-Sinj. Evelyn Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-post żdingat (ex-Oasis) li hemm fi triq ir-Ridott. Hija qalet li jeħtieġ li jintbagħat rapport lill-MEPA sabiex sid il-post inaddaf kif jista'.

6.1.7. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-kumplament tal-Kumitat li l-*isticker* tal-*Bring-In-Sites* fi Triq is-Sikka sfat maqlugħa.

6.1.8. Is-Sur Bonello ġibed l-attenzjoni li l-bozza fi Triq l-Imsaqqfin kantuniera ma' Triq Anton Manwel Caruana qiegħda tixgħel u titfi. Huwa żied jgħid li l-bozza hija fuq arblu u għalhekk ġie konkluż li tali rapport għandu jsir l-Enemalta.

## 7. TMIEM IL-LAQGĦA

7.1.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2013 ghal 5:00pm.

7.1.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |